MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 21/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**
**SPETTUR RAYMOND D'ANASTAS**

**KONTRA**

**KENNETH CAMILLERI ta' 34 sena, iben Joseph u Doris nee' Magro, imwieled tal-Pieta' nhar it-23 ta' Ottubru, 1978, residenti fil-fond numru 61, Triq l-Ghannejja, Qajjenza, Birzebbuga, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 495378M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kenneth Camilleri** li gie akkuzat talli:

1. F’Hal Qormi, nhar it-3 ta’ Jannar, 2006, ghall-habta tas-2:00 ta’ filghodu, volontarjament ta n-nar lid-dar ta’ Jesmond Aquilina, fil-kapacita’ ufficjali tieghu ta’ sindku ta’ Hal Qormi u l-membri tal-familja tieghu, mahzen, hanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuni, fil-waqt tal-hruq;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, li kien qieghed b’mod li jista’ jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn f’dak il-waqt kien hemm gewwa xi persuna;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ d-dar ta’ abitazzjoni ta’ Jesmond Aquilina fil-kapacita’ ufficjali tieghu ta’ sindku ta’ Hal Qormi u l-membri tal-familja tieghu, liema hsara kienet izjed minn hames mitt lira Maltija u li saret ghad-detriment ta’ l-imsemmi Jesmond Aquilina, u l-membri tal-familja tieghu;

4. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta’ Jannar, 2006, ghall-habta ta’ 6:45 ta’ filghaxija uza xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura mili josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b’mod mhux kif imiss;

5. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta’ Jannar, 2006, ghall-habta ta’ 6:45 ta’ filghaxija, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ Jesmond Aquilina fil-kapacita’ ufficjali tieghu ta’ sindku ta’ Hal Qormi waqt li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

6. U finalment talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Jesmond Aquilina fil-kapacita' tieghu ta' sindku ta' Hal Qormi u l-membri tal-familja tieghu kollha.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati taghhom.

Rat illi l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikolu 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 95(1), 91 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikolu 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikolu 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal procedurdi sommarji.

Rat ix-xhieda prodotta. Ghalhekk Jesmond Aquilina xehed illi hu kien is-sindku ta' Hal Qormi, u fil-gurnata tat-tlieta ta' Jannar, xis-saghtejn ta' filghodu qam biex jixrob, u sema' faqqatura mal-bieb. Ittawwal mit-tieqa u barra ra n-nar tiela'. Qajjem lill-familja, cioe' ommu, missieru u ohtu z-zghira, u ppruvaw jitfu n-nirien li bdew jahkmu l-bieb ta' barra. Xehed illi missieru kellu 61 sena u ommu 58 sena. Qal illi in kwantu barra d-dar kellu CCTV, kellu lil xi hadd li kien qala' l-hard disk u kienu raw il-filmati.

Xehed fuq problema li hu kellu ma' certu wiehed Anthony McKay fuq allokazzjoni ta' l-ispazju ta' fuq il-Monti, cioe' l-kaxxi tal-Monti. Xehed ukoll illi kien qieghed jircievi telefonati anonimi, qabel l-incident, relatati ma' bicca tax-xoghol tal-Monti - theddid dwar il-marks tal-kaxxa nkella

ssirlu bomba. Qal illi filghaxija ghamel laqgha urgenti mall-Kunsill u hemm kien cempillu missieru li qallu li kienu rcevew telefonata anonima, dwar dak li kien gara l-lejl ta' qabel.

Dwar ir-recording li nhareg mis-CCTV, qal illi dan kien tah lill-pulizija.

Paul Aquilina, li jigi allura missier ix-xhud precedenti, xehed illi hu kien jghix fl-istess dar ma' ibnu. Spjega illi huma kienu reqdin, qal illi qajmu ibnu jghajjat ghax il-bieb kien qed jinharaq u huma telghu fuq il-bejt jghajtu ghall-ghajjut lill-girien. Dwar il-hsarat li garrbet id-dar tieghu, xehed illi dawn kienu fil-bieb, koxox li kienu waqghu.
Xehed ukoll dwar it-telefonati anonimi li kien qed jircievi – f'wahda minnhom staqsieh jekk kinux hadu pjacir b'dak li kien ghamlilhom bil-lejl. Dan baqa' jghidlu li l-kbir kien ghadu gej, ghidlu lil ibnek.
Aktar tard Paul Aquilina pprezenta stimi tal-hsarat sofferti fir-residenza tieghu kagun tal-hruq, Dok PA1, folio 220, fl-ammont ta' Lm135.06 fir-rigward tad-danni fil-graffiato; Dok PA2 folio 221 ghall-ammont ta' Lm31.017 koncernanti l-mosaic; a folio 222 Dok PA3 fl-ammont ta' Lm629.14 stima ta' bieb ta' barra; u Dok PA4 fl-ammont ta' Lm341.35 biex titranga l-faccata, folio 223.

Ludgarda Aquilina li kienet tigi ommu, ukoll xehdet dawr il-lejl ta' l-incident, qalet li qamu jitfghu l-ilma biex jitfu n-nar ghax kien qieghed jinharaq il-bieb. Qalet illi l-bieb ta' barra kien inharaq totalment u li sofrew Danni mal-faccata, tant illi kellhom jerrghu jizbghuha.
Xehdet ukoll dwar it-telefonata anonima li kienu rcevew li hi kienet semghet ghax kienet vicin zewgha. Qalet illi hi lil din il-persuna bdiet tghidlu li kienet gharfitu. Qalet illi hi dan ratu fuq il-cameras li kellhom id-dar.
Dwar il-malvivent, xehdet illi minn fuq il-filmat hi kienet rat l-individwu gej "*…….ghamel il-gakketta hekk, pogga fuq l-ghatba, kellu borza sewda hekk f'idejh, poggieha fuq l-ghatba, qabbad il-lighter, taha n-nar, in-nar hareg hekk, bumped ghal idu u ghal mal-hajt……*" (folio 57). Xehdet illi mbaghad nizel jigri 'l isfel. Qalet ukoll illi hi meta lill-persuna tat-telefonata anonima qaltilha li kienet gharfitha,

dan qalitu biss biex tara biex ser johrog. Xehdet ukoll illi kineu marru l-Ghassa u ghamlu rapport hemm rigward din it-telefonata anonima. Xehdet ukoll illi meta ghamlet dan ir-rapport, lill-pulizija semmitilhom lil McKay pero mhux lill-imputat.

Maria Aquilina, oht is-sindku Jesmond Aquilina, xehdet li kienu reqdin u qamu (ma’ familtha kollha) u rat il-bieb ta’ barra jaqbad. Ikkonfermat li hi kienet tghix fid-dar koncernata. Xehdet illi anke hi semghet it-telefonata li rcevew l-ghada, semghet jinghad f’din illi l-kbir kien ghadu gej.

L-Ispettur Carmelo Bartolo - l-Ufficjal Investigattiv kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur, xehed illi hu kien arresta lill-imputat wara li kien ra r-recording tal-familja Aquilina. Xehed dan dwar l-investigazzjoni li saret fuq Anthony McKay wara l-hruq tad-dar tas-Sindku, li skont l-istess Spettur, ghalkemm wera antagonizmu lejn l-istess Sindku minhabba l-Monti, cahad kwalunkwe nvolviment tieghu. Qal pero li kienu qed jinvestigaw ukoll it-telefonata anonima li dahlet ghand il-familja Aquilina fuq il-linja tad-dar taghhom. Ghalhekk mill-kumpanija Maltacom skoprew li din saret minn cellulari b’certu numru, liema numru rrizulta mill-kumpanija Go Mobile li ma kienx registrat. Irrizulta skondtu minn aktar indagni li din il-linja kienet wahda li kienet ghadha tinxtara u ntuzat biex saru t-telefonati lis-Sindku. Pero rrizultalhom ukoll illi din il-linja kienet qed tintuza minn mobile phone partikolari, allura b’IMEI partikolari li kien qabel abbinat ma’ numru li kien registrat fuq l-imputat Kenneth Camilleri. Qal illi ghalhekk hu kien ottjena mill-Magistrat tal-Ghassa mandat u kien ghadda ghall-arrest ta’ Kenneth Camilleri. Kien f’dan l-istadju tah il-caution skont il-Ligi (folio 119). Eleva wkoll minghand l-imputat 4 pari zraben li ghalih dehru wzati.
Ezebixxa ghalhekk id-dokumenti CB1, CB2, u CB3 – tliet cellulari u tliet stqarrijiet ta’ l-imputat – Dok KC, KC1, u KC2.

L-Ispettur, dwar is-suspett f’Kenneth Camilleri dwar dawn ir-reati in dezamina, xehed ukoll illi hu ha lill-imputat quddiem il-camera tar-residenza tas-Sindku, ghaddieh

minn quddiemha u wara ghamel allura ezami komparattiv bejn il-persuna ta' l-imputat kif gie ffilmjat, u l-filmat tal-malviventi. Xehed li ghalih, **allura fl-opinjoni tieghu (enfasi tal-Qorti)** kien hemm somiljanza kbira (folio 128); ghalih mill-istil tal-mixja.

Kif diga' inghad, l-Ispettur ipprezenta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat. Il-Qorti ser tezamina l-istess in vista' tas-sentenza ricenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Jovica Kolakovic vs Avukat Generali tat-12 ta' Novembru, 2012; u Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri - ukoll tat-12 ta' Novembru, 2012.

Fl-ewwel stqarrija huwa qal illi kien jaf lil Toni McKay li kien habib tieghu. Cempillu u meta ma rrispondihx cempel habib iehor li qallu li McKay kien gie arrestat. Qal illi qabel dan hu kien diga' sema' l-ahbar tal-hruq tal-bieb tas-Sindku. Issusspetta li McKay kien gie arrestat fuq hekk ghaliex xhur qabel kien diga' gie arrestat fuq hruq simili. Hu - cioe' l-imputat, ikkonkluda li allura rega' gie arrestat fuq hekk, allura jghid li xtara linja tal-mobile u cempel lis-Sindku ta' Hal Qormi bl-intenzjoni li jdahhal f'mohh is-Sindku li ma kinx McKay li haraqlu l-bieb imma haddiehor. Meta rnexxielu jaqbad lis-Sindku - ghax fil-bidu cempel numru hazin, qal illi sema' lehen mara hdejn dak li beda jkellmu li bdiet tkellmu hazin. Qal ukoll illi n-numru tas-Sindku gabu tramite s-servizz 1182. Qal illi ghaliex beda jahseb li kienu marru l-pulizija d-dar tieghu minhabba t-telefonata, huwa kien rema' s-SIM card, ifflaxxjaha fit-toilet. Qal illi l-Fgura wara l-bieb ta' McKay dam xi siegha jistennieh gej id-dar. Qal illi hu sar jaf li l-problema relatata mall-hruq tal-bieb kienet tikkoncerna l-Monti kien semaghha fuq it-television. Innega li hu kien gie avvicinat minn xi hadd biex jahraq il-bieb tas-Sindku. Mistoqsi jekk kinx jaf fejn joqghod is-Sindku, wiegeb fin-negattiv.

Fit-tieni stqarrija qal illi hu ghamel it-telefonata ta' theddid ghax thassar lil McKay ghax kien habib tieghu. Dwar it-telefonata qal illi ma basarx li kien ser jinqabad u li kienet ser tigi daqshekk bi kbira ghax kieku ma kinx icempel. Innega li nonostante li lill-familja Aquilina fit-telefonata anonima qallhom "Kuntenti b'dak li ghamiltilkom?" li hu

kien involut fil- hruq tal-bieb. Innega li hu kien jaf bl-inkwiet li kien hemm bejn is-Sindku u McKay, qal illi uza dak id-diskors ghax kien jahseb b'mohhu.

Fit-tielet stqarrija kkonferma li hu ghand is-Sindku cempel darba u li kellmu zgur.

Xehed PS 1219 Charles Zammit dwar iz-zewg incidenti li fihom kienet involuta l-familja Aquilina. L-ewwel kien fuq il-post ta' l-incident, sussegwentement sarlu rapport dwar it-telefonata anonima, ghalhekk ezebixxa zewg rapporti - Dok CZ u Dok CZ1. Dwar it-tieni rapport qal illi dan kien ghamlu missier is-Sindku akkumpanjat minn martu u ibnu. Hawn sema' lil omm is-Sindku tghid illi kienet gharfet lill-malvivent. Dwar l-isem Anthony McKay, qal illi jekk semmiet dan hu ma kinx semaghha. Qal illi meta semaghha tghid li gharfitu, kienet qed tirreferi ghall-ewwel incident.

Minn naha tieghu, il-Profs Alfred Vella, imqabbad fl-Inkjesta bhala espert biex jinvestiga l-hruq li garrbu l-familja Aquilina, ikkonkluda li l-fuel accellerant uzat biex jinharaq il-bieb kien petrol; ikkonkluda wkoll illi dan gie mgorr go container li tieghu nstabu tracci fil-vicinanzi. Fir-relazzjoni tieghu l-Profs Vella kkonkluda wkoll illi fuq l-swabs mehuda minn fuq idejn McKay ma nstabu ebda tracci ta' xi tip ta' fuel (folio 159).

Dr Martin Bajada minn naha tieghu xehed u kkonferma li fuq l-istess IMEI ntuzaw zewg SIM cards. Xehed ukoll Dr Martin Bajada li mill-mobile number 99245506 li kien registrat fuq Anthony McKay (Dok CB2), intbagthat messagg lil mobile Dok CB3, bin-numru 21495096 li huwa numru registrat fuq Paul Aquilina, Dok CB3 huwa mobile bin-numru 79905759. Dr Martin Bajada rega' nghata nkarigu iehor, u cioe' dak ta' ezami komparattiv bejn il-filmat tal-familja Aquilina u dak li ha l-Ispettur Bartolo ta' l-imputat. Hawn Dr Martin Bajada xehed illi darba li l-anglu tal-camera ccaqlaq, allura ma kinx f'posizzjoni jsir dan l-ezami komparattiv.

Rega’ xehed Anthony Bonnici ghan-nom ta’ Mobisle Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile. Ezebixxa Dok AB a folio 399, li juri jergal li n-numru 79933750 huwa numru li kien qieghed jintuza fuq linja ohra, fuq l-istess IMEI number Dok AB, allura dak li jsejjah lil Kenneth Camilleri. Ikkonferma aktar tard id-dokument a folio 273 li ntbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-linja 79619451 li kienet registrata fuq Kenneth Camilleri, l-imputat. Qal illi l-linja 79933750 ma kinitx registrata. Id-dokument a folio 274 juri li fid-data tar-reat in ezami, mill-ahhar linja msemmija saru fil-hinijiet hemm indikati telefonati lis-servizz 1182 u li n-numru 21485096 (allura r-residenza tas-Sindku).
Jirrizulta wkoll mill-IMEI wzat fil-konfront tan-numru 79933750 (folio 283) li dan kellu l-istess numru tal-calling equipment tan-numru 79619451 folio 284, l-ahhar numru kif xehed l-istess Bonnici registrat fuq l-imputat.

Charmaine Galea Triganza ghan-nom ta’ Maltacom prezentat dokumentazzjoni ta’ zewg telefonati li saru minn numru cellulari 79933730 ghal land line tad-dar tas-Sindku, u dan fid-data tat-3 ta’ Jannar, 2006, versu 18:45 (Dok GT folio 226).

Il-Perit Richard Aquilina minn naha tieghu, fir-relazzjoni Dok RA ghamel stima tad-danni sofferti fir-residenza (folio 235) ammontanti ghas-somma ta’ Lm1,481.00.

Dr Mario Scerri kkonkluda, wara li ezamina lil Anthony McKay u Kenneth Camilleri, illi fuq ebda wiehed minnhom ma kien hemm lezjoni fizika jew evidenza ta’ hruq, Dok MS folio 247.

Il-Profs Alfred J. Vella ezebixxa t-tieni relazzjoni tieghu a folio 317, dan fuq zraben mehuda minghand Kenneth Camilleri. Hemm ikkonkluda li fl-ebda wiehed mit-tliet zraben ezaminati ma kien hemm tracci ta’ fuels. Minn naha l-ohra kkonkluda li fil-kaz tar-running shoes elevati minghand McKay kien hemm indikazzjoni li dawn kienu ikkontaminati bil-petrol (folio 333)

Il-Profs Vella rega’ ttella’ jixhed in kontro ezami, u dan anke wara li ra l-footage tar-recording tal-cameras li hemm mad-dar tal-familja Aquilina. Qal illi mill-esperjenza tieghu hu probabbli hafna li meta persuna taghti nar, fil-bidu jibqghu tracci bizzejjed ta’ petrol fuq il-persuna biex ikunu jistghu jigu identifikati, dan minhabba l-vicinanzi u n-natura tal-fuel u d-dinamika tal-kaz. Baqa’ fuq dak li kkonkluda li fuq il-hwejjeg – dan fil-konfront ta’ l-imputat, li kienu ghaddewlu l-pulizija, fuqhom ma kien sab ebda tracci ta’ fuel (folio 432). Ikkonferma fuq dak li ra mill-footage li meta l-fuel gie in kuntatt man-nar kien hemm spluzjoni zghira, haga din li l-istess espert kien iddeskriva bhala “fire ball”, tant illi xehed li din baqghet speci ssegwi lill-malvivent hu u jahrab minn fuq il-post.

Minn naha taghha Denise Formosa Gruppetta xehdet in rapprezentanza ta’ Vodafone, xehdet din dwar linji li ghandu registrati fuqu Anthony McKay.

Maria Dolores Micallef, girien tal-familja Aquilina, xehdet illi ghall-habta tas-1.00am semghet lil xi hadd jghajjat ghall-ghajjut minn got-tieqa. Meta ttawwlet u rat in-nar fir-residenza ta’ Aquilina, ghenithom jitfu n-nar.

Xehed ukoll Dennis Catania li xogholu kien ma’ DC Security Systems. Qal illi kien cempillu s-Sindku ta’ Hal Qormi, certu Jesmond, li kien urieh ix-xewqa li mad-dar jaghmel CCTV, li fil-fatt saret. Qal illi darba ohra kien cempillu u talbu biex imur ghal xi hadd kien haraqlu d-dar. Fil-fatt sab il-bieb mahruq. Qal illi ra r-recording, liema recording huwa qaleb fuq CD (minn fuq video), liema CD ghadda lill-pulizija (per parentesi dan hu s-CD li fuqu gie mitlub jaghmel l-ezami komparattiv Dr Martin Bajada).

L-Ispettur Raymond D’Anastas, ukoll involut f’din l-investigazzjoni, wiegeb in kontro ezami illi s-Sindku mitkellem mill-pulizija kien indika bhala persuna ghalih suspettata lil persuna ohra mhux l-imputat, persuna li kienet tarma fuq il-Monti. Qabel ukoll l-Ispettur illi kien irrizultalu li l-imputat u s-Sindku ma kinux jafu lil xulxin. Qabel ukoll illi l-imputat kien tressaq qabel ma nghalqet l-Inkjesta Magisterjali.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, Kenneth Camilleri l-imputat xehed minn jeddu. Qal illi hu kien ghamel telefonata lis-Sindku, wahda ta’ theddid. Xehed illi hu lis-Sindku ta’ Hal Qormi ma kinx jafu. Xehed fuq il-habib tieghu Tonio McKay li kellu problema fuq xi postijiet tal-Monti, cioe’ fuq kaxxa fejn jarma l-Monti. Xehed illi hu kien jaf illi lis-Sindku kien inharaqlu l-bieb l-ewwel darba - hawn Tonio kien qallu li kienu qed iwahhlu fih. Xehed illi rega’ nharaq il-bieb tas-Sindku, b’dan hu kien akkuzat. Qal illi hu kien  sema’ b’dan it-tieni ncident fuq ir-radio. Ghalhekk beda jcempel lil dan Tonio, pero dan Tonio ma bedix jirrpsondi t-telephone. Kien infurmat minn lavrant li Tonio kien gie arrestat. Hass ghalih u ghalhekk cempel lis-Sindku, ghax hass illi Tonio kien gie arrestat ghalxejn. Qal illi meta cempel, kellem lil missier is-Sindku. Qal illi waqt li kien qed jitkellem, anke giet il-mara tieghu. Qata’. L-ghada marru ghalih il-pulizija. Anke viva voce baqa’ jinnega li l-hruq mal-bieb kien ghamlu hu.

Stephanie Camilleri, mart l-imputat, xehdet illi dakinhar ta’ l-incident tal-hruq zewgha kien maghha d-dar. Qalet illi kien dahal id-dar ghall-habta tas-7.00pm u filghodu sabitu d-dar.

Fuq talba tad-Difiza, giet anke ezebita l-istqarrija li ttiehdet lill-istess Stephanie Camilleri, din skond id-Difiza ghall-finijiet ta’ kredibilita’ u korraborazzjoni ta’ dak li xehdet viva voce Stephanie Camilleri. Fl-istess ikkonfermat illi fil-lejl in kwistjoni Kenneth kien maghha d-dar u li kieku hareg bil-lejl kienet tinduna. Ikkonfermat illi zewgha kien habiba hafna ma’ Tonio McKay.

Maghluqa l-provi, semghet ukoll it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Illi l-Qorti, fil-konfront ta’ l-istqarrijiet ta’ l-imputat, gia’ ghamlet referenza ghal sentenzi Kostituzzjonali moghtija fil-konfront ta’ Muscat, Kolakovic u Cammilleri, u l-insenjament taghhom. Taghmel referenza wkoll ghall-verbal tad-Difiza a folio 500, fejn gie vverbalizzat illi d-

Difiza ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta’ ta’ l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat.

Issa l-imputat, kemm fl-istqarrijiet tieghu mehuda a tempo vergine ta’ l-investigazzjonijiet, kif ukoll fix-xhieda tieghu viva voce, innega li hu kellu ebda nvolviment fil-hruq tal-bieb tas-Sindku. Ammetta pero t-telefonata anonima li saret minnu lill-familja Aquilina, ghalkemm ma rrepetix l-istess kliem li qalu li semghu l-familja Aquilina, cioe’ t-theddid li huma semghu.

Issa, apparti l-istqarrijiet u d-deposizzjoni tal-imputat, dan l-incident kien ben ezaminat minn lenti ta’ diversi esperti. Ghalhekk tramite Dr Martin Bajada, Vodafone u Go Mobile, gie stabbilit illi verament Kenneth Camilleri uza l-istess mobile li solitament fuqu kien juza linja fuqu registrata, biex b’SIM card ohra ghamel telefonati anonimi lill-konjugi Aquilina.

Daqstant irrizulta mir-relazzjoni ta’ Dr Mario Scerri li dan Camilleri ma kellu ebda lezjonijiet jew hruq fuq gismu, dan considerando dak li allura kkonkluda l-Profs Alfred Vella, cioe’ li ma nstabu ebda tracci ta’ fuel fuq il-hwejjeg ta’ Camilleri, u li l-fire ball baqghet anke ssegwi l-malvivent wara li dan ta n-nar.

Illi fil-fatt ma ngabet ebda prova li torbot lil Kenneth Camilleri mar-reati lilu addebitati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, koncernanti l-hruq u d-danni kagunati. Illi certament lanqas ma tista’ titqies bhala prova l-opinjoni ta’ l-Ispettur Bartolo li l-imputat mill-mixja kellu sembjanza tal-malvivent meta rega’ hadu fuq il-post tar-reat, u ffilmjah bil-cameras mqabbda mad-dar tal-familja tas-Sindku. Dan aktar u aktar tenut kont ta’ dak li kkonkluda Dr Martin Bajada, illi l-cameras gew anke spustjati.

F’dan l-istadju din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt illi kien ikun ghaqli u kienu jigu ffrankati hafna spejjez u hin, kieku qabel ma tressaq Kenneth Camilleri, kieku l-ewwel l-Ufficjali Investigattivi stennew l-ezitu tal-esperti mqabbda fl-Inkjesta, li frankament kif gie premess

u ezaminat jiskolpaw ghal kollox lill-imputat mir-reati tal-hruq u danni.

Illi fil-fatt il-konkluzjonijiet tal-Profs Alfred Vella jsibu tracci ta’ petrol ma’ zarbun mehud minghand McKay. Daqstant iehor kienet minn fuq il-linja ta’ McKay li gie mibghut il-“land line number” tal-familja Aquilina.

Illi ghaldaqstant, premess dan kollu, din il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat mir-reati lilu addebitati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ r-reati taht l-Artikoli 317, 325

Kenneth Camilleri gie wkoll akkuzat bir-reati kkontemplati taht l-Artikoli 95(1), 91 u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kif diga’ inghad ex admissis, huwa ammetta li cempel b’mod anonimu lis-Sindku, allavolja kellem lil missieru. Hu ried ikellem lis-Sindku u dan ben konsapevoli li kien ghat-tieni darba rega’ nharaqlu l-bieb, u li McKay kellu kwistjoni mhux solvuta mieghu fuq allokazzjoni ta’ kaxxa tal-Monti. It-theddid li sar lis-Sindku, kien intiz ghalih bhala Sindku, cioe’ ufficjal pubbliku, biex ibezzghu, ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini tal-Artikoli 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Artikolu 339(e) assorbit fl-istess).

Tilliberah mill-effetti tal-Artikolu 91 in kwantu s-Sindku ma gie mgieghel jaghmel xejn.

Rat ukoll l-Artikolu 31 fir-rigward tal-piena dovuta ghal din il-htija; rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat, u qieghda tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ 6(sitt) xhur sospizi ghal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kenneth Camilleri gie wkoll akkuzat b’reat taht il-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici, precizament bl-Artikolu 35(1)(d) ta’ l-imsemmi Kapitolu. Issa kif gie kkonsidrat, gie ben pruvat illi l-imputat ghamel telefonati anonimi b’theddid lill-familja Aquilina.

L-Artikolu msemmi 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, iqieghed ir-reati ta' uzu ta' network jew apparat ta' telekomunikazzjoni elettronici meta tali uzu jkun wiehed li ghalih l-apparat jew in-network ma giex fornut, jew inkella dan jigi wzat b'mod mhux kif imiss. Certament, f'dan il-kaz l-apparat kien uzat (allura anke in-network warajh) biex minnu u bih isiru telefonati, pero mhux certament intiz biex tali servizz jigi wzat biex tigi mhedda minnu, bih jew fuq in-nies ricivjenti tali telefonati.

Rat ghalhekk l-Artikolu msemmi 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal multa €2,300, multa dovuta stante s-sens ta' panic u nkwiet li dawn it-tip ta' telefonati joholqu fuq recivjenti taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------